**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1019/02**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Ernest Pulis**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm280.20 (mitejn u tmenin lira maltin u ghoxrin centezmu) rapprezentanti diversi kambjalijiet li hargu fis-16 ta' Marzu minn Ernest Pulis favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' Lm93.40 kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' sittin xhur.

Il-konvenut naqas li jhallas tlett il-kambjala ta’ Lm93.40 kull wiehed li mmaturaw fl-1 ta’ Awissu, Settembru u Novembru 2000. Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm280.20 minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjes legali u gudizzjarji inkluzi il-mandat ta’ qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil John Sultana jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm280.20 (mitejn u tmenin lira maltin u ghoxrin centezmu) rapprezentanti import ta’ kambjali li skadew izda bla ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**